31996R2054

31.10.1996 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 280/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2054/96

tal-25 ta' Ottubru ta' l-1996

dwar il-pubblikazzjoni ta' simbolu grafiku għall-prodotti agrikoli ta' kwalita' speċifikatament għar-reġjuni l-iktar remoti u li jistabbilixxi r-regoli għar-riproduzzjoni tiegħu

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3763/91 tas-16 ta' Diċembru ta' l-1991 li jintroduċi miżuri speċifiċi għar-rigward ta' ċerti prodotti agrikoli għall-benefiċċju tad-dipartimenti Franċiżi barra mill-Ewropa [1], kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 2598/95 [2], u b'mod partikolari Artikolu 20(2) u (3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1600/92 tal-15 ta' Ġunju ta' l-1992 li jikkonċerna miżuri speċifiċi għall-Azores u Madeira li jirrigwardaw ċerti prodotti agrikoli [3], kif l-aħħar emendata permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2537/95 [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) u (3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/92 tal-15 ta' Ġunju ta' l-1992 li jikkonċerna miżuri speċifiċi għall-Gżejjer Kanali għal dak li jirrigwarda ċerti prodotti agrikoli [5], kif l-aħħar emendat permezz tar-regolament (KE) Nru 2537/95, u b'mod partikolari Artikolu 26(2) u (3) tiegħu,

Billi b' applikazzjoni, tar-Regolamenti (KEE) Nru 3763/91, (KEE) Nru 1600/92 u (KEE) Nru 1601/92, inħoloq simbolu grafiku, wara li tnehdew applikazzjonijiet għall-appalt, sabiex jitjieb l-għarfien u jikber il-konsum ta' prodotti agrikoli ta' kwalita' proċessati jew le għall-iktar reġjuni remoti tal-Komunita';

Billi ir-regolament tal-Kummissjoni numru 1418/96 [6] jistabilixxi regoli dettaljati dwar l-użu tas-simbolu grafiku;

Billi, sabiex ikunu jintlaħqu l-oġġettivi hawn fuq imsemmija, is-simbolu grafiku għandu jkun disponibbli għal utenti kif imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1418/96, kummerċjanti li jixtiequ jippromwovu, jkabbru l-valur u jdaħħlu fis-suq il-prodotti imsemmija kif ukoll il-konsumaturi;

Billi r-regoli tekniċi għar-riproduzzjoni tas-simbolu grafiku u għall-użu korrett tiegħu għandhom ukoll ikunu stabbiliti,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-simbolu grafiku msemmi fl-Artikolu 20 tar-Regolament (KEE) Nru 3763/91, l-Artikolu 31 tar-Regolament (KEE) Nru 1600/92 u l-Artikolu 26 tar-Regolament (KEE) Nru 1601/92 għandhom ikunu stabbilti fl-Anness.

Artikolu 2

Is-simbolu grafiku għandu jkun riprodott u użat skond ir-regoli tekniċi indikati fl-Anness.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara il-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

[1] ĠU L 356, ta' l-24.12.1991, p.1.
[2] ĠU L 267, tad-9.11.1995, p.1.
[3] ĠU L 173, tas-27.6.1992, p.1.
[4] ĠU L 260, tal-31.10.1995, p.10.
[5] ĠU L 173, tas-27.6.1992, p.13.
[6] ĠU L 182, tat-23.7.1996, p.9.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 25 ta' Ottubru ta' l-1996

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

Anness

Verżjonijet tas-simbolu grafiku















"Tqies opportun li jinħoloq simbolu grafiku komuni għall-reġjunijiet l-iktar mbiegħda tal-Komunita' għall-promozzjoni tal-prodotti agrikoli li joriġinaw minn dawn ir-reġjunijiet.

Biex l-affarijiet ikunu sempliċi u ċari, l-ismijiet tar-reġjunijiet differenti inkitbu bl-ilsien uffiċjali tar-reġjun li jkun".

Spjegazzjoni għal dak li jirrigwarda il-valur simboliku tas-simbolu grafiku


Fuq nett tas-simbolu grafiku hemm xemx safra, kbira li qegħda tagħti is-sħana, id-dawl u tkabbar il-ħajja kollha. L-art ħadra għammiela taħtha tfisser il-prodotti agrikoli u l-kulur kaħlani ċar fil-qiegħ jirrapreżenta l-baħar u l-prodotti tiegħu.

Ix-xemx, bħala s-simbolu ta' żoni subtropikali u tropikali, hija l-element dominanti. Il-linji mifruxa ta' art u baħar jagħmlu is-simbolu iktar vivaċi u eżotiku.

Il-kuluri huma naturali, awtentiċi u ta' kwalita'.

Taħt is-simbolu grafiku, il-bandiera Ewropea, flimkien ma' l-ismijiet tar-reġjunijiet, tidikjara b'mod ċar illi dawn ir-reġjunijiet l-aktar mbiegħda jappartjenu lill-Komunita'.





Deskrizzjoni teknika tas-simbolu grafiku



Is-simbolu grafiku għandu dejjem ikun stampat fuq sfond abjad u kemm jista' jkun bil-kulur sħiħ, b'erbgħa kuluri. F'każijiet eċċezzjonali, jista' jkun ukoll riprodott f'abjad u iswed. Meta s-simbolu grafiku jifforma parti minn ritratt jew huwa mqiegħed fuq sfond ikkulurit għandu jkun imqiegħed f'qasam ta' delimitazzjoni abjad.

Kuluri ta' referenza

Isfar b'erbgħa kuluri: 00109000 – 10% maġenta, 90% isfar

Aħdar b'erbgħa kuluri: XX008000 – 100% ċjan, 80% isfar

Ikħal b'erbgħa kuluri: XX100000 – 100% ċjan, 10% maġenta

Bandiera b'erbgħa kuluri: XX800000 – 100% ċjan, 80% maġenta

Stillel b'erbgħa kuluri: 0000XX00 – 100% isfar

L-ismijiet tar-reġjunijiet għandhom ikunu dejjem b'tipi suwed.



Referenza iswed u abjad

Isfar = 30% iswed

Aħdar = 80% iswed

Ikħal = 60% iswed

Bandiera = 100% iswed

Stillel = abjad

L-ismijiet tar-reġjuni huma dejjem stampati b'ittri suwed. Skali ta' griż huma riprodotti f'60 linja għal kull ċm² jew 140 għal kull pulzier².



Rata ta' tnaqqis

Is-simbolu grafiku bil-kulur ma għandux ikun riprodott u stampat iżgħar minn 25mm għoli minħabba d-daqs ta' l-istillel fil-bandiera ta' l-UE. Bir-riproduzzjoni ta' l-abjad u l-iswed id-daqs minimu huwa ta' 30 mm għoli.


Meta is-simbolu grafiku jitqiegħed fi kwadru abjad kif deskritt hawn fuq, id-daqs ta' l-arja tad-delimitazzjoni madwar is-simbolu grafiku għandu jikkorrispondi għal-għoli tal-bandiera ta' l-UE.

Tipografija

It-tipa tat-test hija dik *Linotype Univers Condensed*, kompressa sa 65%.

L-ispazju mill-bandiera sa fejn jibda it-test miktub huwa ta' ½ l-għoli tal-bandiera kif muri fl-eżempji f'paġna 9.





Kuntrast mal-kulur ta' l-isfond

Il-gradilja tax-xellug tistabbilixxi d-daqs ta' l-ispazju tad-delimitazzjoni madwar is-simbolu grafiku.

L-għoli tal-bandiera ta' l-UE jiddetermina d-daqs tal-bordura ma' l-erbat iġnub.

Kopja lesta għall-kamera



L-oriġinal fuq ix-xellug jista' jiġi riprodott. Għar-riproduzzjoni fuq skala iżgħar, huwa essenzjali li wieħed jirrispetta l-istruzzjonijiet mogħtija f'paġna 7.